MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## SILVIO MELI

Seduta tal-25 ta' Frar, 2015

Citazzjoni Numru. 1038/2014

**Attrans Commercials Limited**

**(C-12775)**

**vs**

**Il-Bastiment “M/V Atlant”**

**registrat Sierra Leone u li ghandu**

**n-numru tal-Organizzazzjoni Marittima**

**Internazzjonali 7712901**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat fuq indikat datat iz-17 ta' Novembru, 2014, li permezz tieghu s-socjeta` rikorrenti sintetikament esponiet is-segwenti:

1.1 Illi fil-5 ta' Lulju, 2014, is-socjeta` rikorrenti forniet *generator* ta' 250KVA kif indikat fl-istess rikors fuq riferit lill-bastiment in dizamina li qieghed fl-ibhra territorjali ta' Malta, ghall-prezz ta' sebgha u ghoxrin elf, tmin mija u hamsa u tmenin Ewro, (€27,885.00), inkluz il-VAT, oltre l-ispejjez tal-istallazzjoni;

1.2 Illi ls-socjeta` rikorrenti thallset *in parte* u ghandha tithallas bilanc ta' tnax –il elf, tmin mija u hamsa u tmenin Ewro, (€12,885.00), li kellu jithallas fi zmien tlett (3) xhur;

1.3 Illi nonostante li l-perjodu indikat fil-paragrafu precedenti ghadda, il-bastiment *de quo* baqa` moruz;

1.4 Illi l-bilanc dovut lis-socjeta` rikorrenti hu wiehed li hu cert, likwidu u dovut, u l-bastiment intimat m'ghandu l-ebda eccezzjoni x'jaghti fir-rigward;

1.5 Illi ghalhekk is-socjeta` rikorrenti harget mandat t'arrest relattiv fuq il-bastiment *de quo*;

1.6 Illi ghalhekk aderiet din il-qorti biex din:

1.6.1. Tisma` l-kawza bid-dispensa tas-smiegh *a tenur* ta' l-artikli 167 *et sequitur* tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

1.6.2. Tikkundanna lill-bastiment intimat ihallas is-somma ta' tnax –il elf, tmin mija u hamsa u tmenin Ewro, (€12,885.00), inkluz il-VAT, lis-socjeta` rikorrenti;

1.6.3. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur kontra l-bastiment intimat;

2. Semghet lix-xhud prodott;

3. Ezaminat id-dokumenti esebiti;

4. Tirrileva li l-perjodu moghti lill-bastiment intimat *a tenur* tal-artiklu 170 tal-Kap 12 fuq gia` indikat ghadda inutilment;

Ikkunsidrat:

5. Illi mix-xhieda guramentata tar-rapprezentanti tas-socjeta` rikorrenti jirrizulta li l-ammont in dizamina mertu ta' din il-procedura ghadu dovut lis-socjeta rikorrenti;

**DECIDE:**

6.0. Illi ghaldaqstant, in vista tas-suespost, tqis li s-socjeta` rikorrenti pprovat il-kaz taghha skont il-ligi u konsegwentement:

6.1. Tordna li l-kawza odjerna tinstema` u tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh *a tenur* tal-artikli 167 *et sequitur* tal-Kap 12 fuq gia` indikat;

6.2. Tikkundanna lill-bastiment intimat "M/V Atlant" biex ihallas s-somma ta' tnax –il elf, tmin mija u hamsa u tmenin Ewro, (€12,885.00), inkluz il-VAT, lis-socjeta` rikorrenti fuq indikata;

6.3. Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat kawtelatorju t'arrest ta' bcejjec tal-bahar il fuq minn ghaxar (10) metri, numru 1688/2014, u bl-imghaxijiet dovuti mid-data tar-rikors guramentat promotur sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-bastiment intimat fuq indikat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------